

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2015/2310**tal-10 ta' Diċembru 2015****li temenda d-Deċiżjoni 2013/189/PESK li tistabbilixxi Kulleġġ Ewropew ta' Sigurtà u ta' Difiża**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 42(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fit-22 ta' April 2013, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2013/189/PESK li tistabbilixxi Kulleġġ Ewropew ta' Sigurtà u ta' Difiża ⁽¹⁾;
- (2) Fit-22 ta' Lulju 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/491/PESK li temenda d-Deċiżjoni 2013/189/PESK ⁽²⁾;
- (3) Id-Deċiżjoni 2013/189/PESK, kif emendata bid-Deċiżjoni 2014/491/PESK, tipprevedi ammont ta' referenza finanzjarja għall-ewwel 12-il xahar mill-1 ta' Awwissu 2013 sal-31 ta' Lulju 2014 u għall-perijodu sussegwenti mill-1 ta' Awwissu 2014 sal-31 ta' Diċembru 2015;
- (4) Fil-25 ta' Marzu 2014 il-Kumitat tat-Tmexxija stabbilit mid-Deċiżjoni 2013/189/PESK qabel li l-perijodu tal-ftehim ta' finanzjament għandu jkun allinjat mal-perijodu kontabilistiku annwali, mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru, sabieħ ikun meħtieġ sett ta' kontijiet wieħed biss mill-2016 'il quddiem;
- (5) Għalhekk għandu jiġi stabbilit ammont ta' referenza finanzjarja ġdid għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2016 sal-31 ta' Diċembru 2016.
- (6) Id-Deċiżjoni 2013/189/PESK għandha għalhekk tiġi emendata kif meħtieġ.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Artikolu 16(2) tad-Deċiżjoni 2013/189/PESK huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa tal-KESD matul l-ewwel 12-il xahar wara l-konklużjoni tal-ftehim ta' finanzjament imsemmi fil-paragrafu 3 għandu jkun ta' EUR 535 000.

L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa tal-KESD matul il-perijodu mill-1 ta' Awwissu 2014 sal-31 ta' Diċembru 2015 għandu jkun ta' EUR 756 000.

L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa tal-KESD matul il-perijodu mill-1 ta' Jannar 2016 sal-31 ta' Diċembru 2016 għandu jkun ta' EUR 630 000.

L-ammonti ta' referenza finanzjarja intenzjonata biex ikopru n-nefqa tal-KESD għal perijodi sussegwenti għandhom jiġu deċiżi mill-Kunsill".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Diċembru 2015.

*Għall-Kunsill**Il-President*

F. BAUSCH

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/189/PESK tat- 22 ta' April 2013 li tistabbilixxi Kulleġġ Ewropew ta' Sigurtà u ta' Difiża (KESD) u li tassar l-Azzjoni Konġunta 2008/550/PESK (ĠU L 112, 24.4.2013, p. 22).

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/491/PESK tat- 22 ta' Lulju 2014 li temenda d-Deċiżjoni 2013/189/PESK li tistabbilixxi Kulleġġ Ewropew ta' Sigurtà u ta' Difiża (KESD) (ĠU L 218, 24.7.2014, p. 6).